KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 485 (9-27)**

**It-Tnejn 27 t'April 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

**PREŻENTI:**

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsillier Albert Pace
Il-Kunsillier Charles Vassallo
Il-Kunsillier Stephanie Vassallo

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**485.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**485.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Viċi Sindku.

**485.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti, mibgħuta qabel lill-Kunsilliera, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Is-Sindku ressaq il-Minuti tas-Seduta 484 għall-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett.

**485.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti.

**485.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**485.3.1** Is-Sindku preżenta Rikors numru 172/11/1 JA f'każ tal-Kummissarju tal-Artijiet, illum l-Awtorita' tal-Artijiet u is-Soċjeta' Polidano & Schembri Quarries Co. Ltd. Is-Sindku qal li mar-rikors m'hemmx pjanti u talab lill-Avukat tal-Kunsill biex jakkwista id-dokument komplut biex jiġi preżentat fis-Seduta li jmiss.

**485.3.2** Is-Sindku preżenta korrispondenza minn TM rigward it-traffic management fiż-żona tal-iskola li ġiet diskussa fis-seduta preċedenti, fejn talbu lill-Kunsill jimplimenta l-iskema. Wara diskussjoni il-kunsill qabel li jżomm mad-deċiżjoni diġà meħuda u diskussa fis-seduta preċedenti.

**485.3.3** Is-Sindku preżenta korrispondenza mingħand residenti rigward Traffic management fi Triq Blat il-Qamar fejn qed jintalab li din issir one way. Is-Sindku qal li rigward dan, diġà hemm qbil mill-kunsill li l-arranġament isir meta isiru ix-xogħolijiet fl-istess triq. Il-Kunsillier Albert Pace qal li qed jinsisti mal-awtoritajiet biex tinfetaħ Triq Ġużeppi Busuttil u ssir parti mill-pjan ħalli jkun hemm flow tat-traffiku.

**485.3.4** Traffic proposal Pjazza San Nikola, Triq il-Knisja l-Qadima u San Ġakbu

Is-Sindku rrefera għall-aħħar laqgħa mal-Perit Conti ta' TM rigward il-proposta, fejn intbagħtu l-aħħar kjarifiċi li intalbu. Il-Kunsillier Albert Pace qal li dwar din il-proposta hemm dewmien esaġerat, u ilna sejrin bil-kjarifiċi kważi sentejn. Is-Sindku wieġeb li kull lista ta' kjarifiċi jiġu mwieġba mill-iktar fis minn naħa tal-KJunsill u nistennew li fl-aħħar il-proposta tkun approvata ħalli nistgħu niproċedu bl-implimentazzjoni.

**485.3.5** Talba għal-linji sofor Triq Ta' Brija

Is-Sindku ressaq talba għal estensjoni ta' linji sofor minħabba nuqqas ta' aċċessibilita' fil-garaxx. Is-Sindku qal li jekk hemm il-possibilita' minflok jintilef spazju ta' vettura almenu isir MC bay. Hu qal li l-aħjar immorru naraw fuq il-post.

**485.3.6** Talba għal-linji sofor faċċata ta' garaxx 22 Triq tan-Nofs

Is-Sindku preżenta talba minn resident għal linji sofor faċċata tal-garaxx fi Triq tan-Nofs minħabba aċċessibilita'. Is-Sindku talab biex immorru naraw fuq il-post għal wisa' tat-triq u jekk il-kas napplikaw ma' TM.

**485.3.7** Talba għal modifikar ta' linji fi Pjazza San Nikola

Is-Sindku preżenta talba għall-modifikar ta' parking bays u kaxxa safra quddiem garaxx fi Pjazza San Nikola. Is-Sindku qal li dawn il-linji huma parti mill-pjan pendenti għand TM u għalhekk għandna nistennew l-approvazzjoni skont l-awtorita'.

485.3.8 Talba minn Grupp Solidarjeta'għal ħlas tat-trasport fis-Sajf għal ħarġiet

Is-Sindku preżenta talba mill-Grupp Solidarjeta' biex il-Kunsill jipprovdi trasport għal 10 ħarġiet fis-sajf lil nies vulnerabbli. It-talba hija ta' 2 vannijiet total ta' €130 kull darba għal għaxar darbiet. Is-Sindku qal li dan ilu jiġi provdut għal diversi snin u dawn il-ħarġiet iservu bħala solidarjetà għal persuni waħedhom jew vulnerabbli li jsibu wens f'dan il-grupp. Il-Kunsill unanimament qabel li jħallas din l-ispiża u li ma teċċedix il-€1300.

485.3.9 Proposta ta' ismijiet għat-tismija ta' toroq

Is-Sindku informa li rċevejna żewġ proposti ta' ismijiet ta' personaġġi mis-Siġġiewi:

- Franġisku Saver Aquilina
- Ġanni Micallef (tal-Passiġġier)

Ġie propost li dawn jinżammu fir-records fl-eventwalita' li jkun hemm okkażjoni ta' tismija jerġgħu jiġu kkunsidrati skont il-każ.

485.3.10 Re finanzjament tar-Reading Garden

Is-Sindku irrefera għal post fil-midja soċjali minn Kunsillier li tgħid li l-kunsill kien ħa fondi mil-Lesa għal dan il-proġett. Eventwalment u b'referenza għal dan il-post, għamlu kuntatt miegħu Project Green fejn staqsew dwar dan peress li 'double financing' joħloq problema f'dan il-każ. Għalhekk, is-Sindku irrefera għal Minuti 468.7 fejn hemm spjegat li l-fondi tal-LESA ġew użati għal proġett ieħor bl-approvazzjoni u mhux fuq dan il-proġett. Dan għal mertu ta' kjarifika.

485.4 **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

485.5 **Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

485.5.1 Il-Viċi Sindku qal li qed jinġiebu stimi għal monument fir-roundabout ta' Triq Mons Mikiel Azzopardi. Hu qal li s'issa għal monument taċ-ċeramika l-istima hija ta' €4750, eskluż il-bażi tal-ġebel. Hu qal li ser jitħejjew specifications għal bażi u b'hekk ikollna stima kompluta. Rigward Merħba Signs imkissrin bil-maltemp, qal li qed nistennew li jerġgħu isiru peress li kellhom diversi ħsarat anke ta' lokalitajiet oħra. Dawn huma sponsorizzati mill-HSBC. Hu qal li bħala sotto kumitat qed ikomplu jaħdmu fuq heritage trails u qed jinġiebu stimi għal website biex imbgħad nikkomunikaw mal-MTA għal possibilita' ta' finanzjament.

485.5.2 Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li qed jitkellem mal-ERA rigward possibilta' ta' camera f'Ta' Kandja u fil-wied fejn qed ikollna rimi illegali. Hu qal ukoll li ntalbet statistika lill-Lesa rigward multi li jinħarġu permezz tal-cameras għal rimi ħdejn il-bring in sites. Hu qal li għalkemm haw l-idea tan-nies li dawn ma jaħdmux, l-istatistika turi mod ieħor u minn Jannar sal-lum inħarġu ammont ta' multi. Hu qal li isegwi mill-qrib ir-rapporti ta' rimi kemm mal-istaff u anka mal-awtoritajiet. Il-Kunsillier qal li sfortunatament il-liġi ma tatix il-poter li min jinqabad iħammeġ inaddaf u allura dan xorta jkun ta' skariġġ u spejjeż żejda fuq il-kunsill. Il-Kunsillier Vassallo qal li b'sodisfazzjon, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi kien ir-rebbieħ tal-premju Amministrazzjoni Pubblika fil-Waste Reduction Week, dan grazzi għal diversi proġetti b'kordinazzjoni mas-Siġġiewi Scouts Group. Qal li konna finalisti wkoll f'kategorija oħra. Hu qal li s-sotto kumitat diġà beda jaħseb fuq it-tema tat-2026 'Reduce Waste'. Bi preparazzjoni għal Festa ta' San Nikola f'Ġunju, qal li ser ikun qed jikkoordina bħas-sena l-oħra dwar tindif u anka ġbir ta' skart u anka ser jinbeda it-tindif bi preparazzjoni. Huwa qal ukoll li qed issir l-applikazzjoni għall-iskema tal-Clean up u fil-jiem li ġejjin ser jinbidlu il-bins tad-dawra tal-iskola għal oħrajn isbaħ u ikbar, dawn ser ikunu finanzjati mill-fondi tar-Reġjun, total ta' €2000.

**485.5.3** Il-Kunsillier Stephanie Vassallo infurmat li għada ser issir l-attivita' ta' taħwil ta' siġar mat-tfal tal-iskola fid-9.00am. Dan ser isir mad-dawra tal-iskola. Qed tikkoordina għal xiri ta' kotba mill-iskema tar-Reġjun Punent. Il-kotba ser jinqasmu bejn il-librerija pubblika, l-iskola primarja u l-grupp tal-quddies tat-tfal.

**485.5.4** Il-Kunsillier Albert Pace qal li qed ikompli isegwi ix-xogħolijiet fil-bajja t'Għar Lapsi mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet. Hu qal li bħalissa hemm problema li qed jinżlu in-nies biex jgħumu allavolja hemm il-kanċell u s-sinjali li hemm periklu. Hu issuġġerixxa li jsiru iktar tabelli kemm fuq u anka isfel li juru li l-aċċess huwa biss għal persuni awtorizzati.

**485.6** **Aġġornament – Proġetti infrastrutturali u inizjattivi**

**485.6.1** Laqgħa mal-Enemalta
Is-Sindku qal li saret il-laqgħa mal-Uffiċjali tal-Enemalta. Hu qal li s-sistema dwar installazzjoni ta' bozoz ġodda s'issa kienet, li l-kunsill jinstalla l-bozza u wara l-Enemalta jaraw jekk tistax issir il-connection, fejn kien hemm każi li l-bozza qatt ma ġiet konnessa. Hu qal li bħalissa għaddej proġett nazzjonali biex jinbidlu l-bozoz kollha u dalwaqt imiss il-lokalita' tagħna. Il-lampi dekorattivi mhumiex inklużi f'dan il-proġett. Hu talab li jekk ikun hemm talba għal lampa ġdida tintbagħat email lill-Enemalta ħalli jgħidulna tistax issir il-konnessjoni.

**485.6.2** Vjal Kulħadd
Is-Sindku qal li issa l-main tal-ilma kważi tlesta kollu, u ix-xogħol ta' drenaġġ għaddej f'fażijiet, bl-inqas inkonvenjent lir-residenti. Inbdiet il-fażi l-oħra tal-kurduna, roundabout u eventwalment isir il-landscaping.

**485.6.3** Reading Garden
Is-Sindku informa li l-proġett qiegħed fi stadju avvanzat u previst li jkun lest f'Mejju. Hu qal li t-trejqa t'isfel, is-siġar u s-sistema ta' irrigazzjoni lesti wkoll. Infurmat minn Project Green li ser issir l-inawgurazzjoni għall-aħħar ta' Mejju, data nirċevuha 'l quddiem u propona li wara ssir attivita' li tikkommemora lil Fr. Nicholas. Il-Kunsill unanimament qabel.

**485.6.4** Xogħolijiet tal-Enemalta
Is-Sindku qal li x-xogħol tat-trinek tal-Enemalta miexi wkoll. It-triq ta' San Niklaw jonqos tingħalaq bl-asphalt u sal-aħħar ta' Mejju għandha tkun infetħet ukoll it-triq lejn Għar Lapsi.

**485.6.5** Tiswija estensiva Triq Ta' Kandja
Is-Sindku qal li sussegwentement għal ħsara u ħofor fit-triq li kienu lill hinn mill-manutenzjoni normali li jista' jagħmel il-kunsill bil-patching, il-Kunsill kien talab li jsir patching estensiv minn Infrastructure Malta. Dan sar u jonqos biċċa żgħira biex ikun komplut.

**485.6.6** Manutensjoni ta' bankini
Is-Sindku qal li qed isir xogħol ta' manutenzjoni u tiswijiet fil-bankini kif kien diġà ssemma. Hu qal li sar Water catchment quddiem il-Mużew tal-Bniet fi Sqaq il-Qajjied wara problema ta' flooding li kien ikollhom. Saret ukoll estensjoni ta' biċċa bankina fi Triq San Nikola minflok bollards biex issolvi l-problema ta' parkeġġ ħażin li kien qed jostakola t-traffiku, patching ta' parti minn Triq il-Muża li sfrondat, tiswija ta' gutter u tiswija ta' biċċa bankina fi Triq Sta Margerita.

**485.6.7** Xogħol minn IM fi Triq Bur il-Kbir
Is-Sindku qal li mhux kuntent bir-ritmu tax-xogħol. Qal ukoll li hemm ħafna partijiet mibdijin u l-bini tal-ħitan tas-sejjieħ għaddej bil-mod ukoll. Qed jinsisti ma' IM biex isegwu x-xogħolijiet anka peress li din it-triq magħluqa toħloq staġnar ta' traffiku u inkonvenjent.

**485.6.8** Overflow fi Triq Dun Manwel Zammit
Is-Sindku qal li l-aħħar riżultati tal-laboratorju jidher li l-ilma huwa 'heavily contaminated'. Hu qal li mmedjatament intbagħtet ittra legali mill-kunsill. Hu qal li ser inkomplu insegwu dan il-każ sakemm jissolva.

**485.7 Ħatra ta' Sotto-kumitat indipendenti biex jiddeċiedi talbiet ta' ħsarat (claims)**

Is-Sindku qal li sussegwenti għal numru konsiderevoli ta' claims ta' ħsarat riċevuti dan l-aħħar, fejn ikun hemm ammont minnhom li tintbagħat risposta legali u xi kultant l-ispiża tiġi għola mit-talba tal-claim. Anka jkun hemm każijiet li jinfetħu kawżi meta nafu li r-responsabilta' legali ta' tiswija tat-toroq hija tal-Kunsill Lokali. Wara li rajna l-claims riċevuti u hemm ammont minnhom saru fl-istess ħofra u fl-istess triq, u wara li kkunsidrajna s-suġġeriment tal-Ombudsman u anka tal-istess avukat tal-kunsill *"L-ufficcju tal-Ombuidsman kien issugerixxa li jinħoloq li jkun kompost mill-avukat, Perit u Sindku jew kunsillier u dawn jagħmlu r-rakkomandazzjoni tagħhom"* fuq kull claim riċevuta, is-sindku propona li jinħatar sotto-kumitat magħmul mis-sindku, il-viċi sindku, il-minority leader, l-avukat tal-kunsill u espert tat-toroq u jiltaqa' kull xahrejn jew skont il-każ. Il-bord ikun jista jevalwa kull każ partikolari u jiddeċiedi fuq kull każ fejn l-aħħar deċiżjoni tittieħed mill-kunsill waqt Seduta. Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li ma jaqbilx li jkun hemm bord u d-deċiżjoni għandha tittieħed mill-kunsill. Il-Kunsillier Albert Pace talab li nikkonfermaw mad-DLG li din il-proċedura hija korretta. Il-Kunsillier Dominic Grech qal li l-kunsilliera mhumiex tekniċi u qabel li l-bord ikun jista' jivverifika iktar minn kollox il-kredibilta' ta' kull każ.

Is-Sindku talab vot. Il-Kunsill qabel b'6 voti favur u astensjoni.
Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li qed jastjeni għax xtaq li jkollna konferma tad-Dipartiment qabel.

**485.8 Tenders**

**485.8.1** Is-Sindku talab lis-Segeratrju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tender *Supply And Installation Of Pv Panels And Batteries At The Siggiewi Local Council Office Using Environmentally Friendly Products* LCS48/24 issa ġie magħluq u awarded lill- offerent 000219553 għall-ammont ta' €17,600.00. Hija qalet li dan ix-xogħol huwa ffinanzjat mill-Water and Energy Agency.

**485.8.2** It-tender POC LCS09/25- *Tender For The Demolition Of Existing Structure, Construction Of New Sanitary Facilities Including Finishing And Installation Of An Elevator, In An Environmentally Friendly Manner, At Pjazza San Nikola Siġġiewi* qiegħed fl-aħħar proċess ta' verifika mid-dipartiment u jista' jiġi ppublikat. Għadna qed nistennew risposta dwar l-applikazzjoni għall-finanzjament mill-Urban Development Funds.

**485.8.3** *Tender For The Supply And Delivery Of An Electric Van For The Siggiewi Local Council* LCS52/25 qiegħed għall-evalwazzjoni għand id-DLG biex eventwalment jiġi ppublikat. Dan huwa ffinanzjat mill-iskema tal-LESA.

**485.8.4** Rigward it-tender għall-upgrading tal-outdoor gym, dan għad qed isir xogħol fuq l-ispecifications.

**485.9 Aġġornament: Ħarga Jum l-Omm**
Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li fis-7 ta' Mejju ser issir ħarġa fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi. Din ser tibda b'quddiesa, tombla u breakfast. Il-bookings kważi mimlijin u bħala spejjeż ser tkun self-financed.

**485.10** **Aġġornament: Ġemellagg Noto u Ġita Kulturali għal Noto**

Is-Sindku qal li intlaqgħu il-bookings u l-ġita hija fully booked. Hu qal li qed isiru l-aħħar preparamenti għall-programm. Ser issir laqgħa ta' informazzjoni għal kull min applika fid-29 ta' April. Iċ-ċerimonja tal-iffirmar tal-ġemellaġġ hija konfermata għat-Tnejn 18 ta' Mejju. Qed isiru l-aħħar tħejjijiet għal dan mal-amministrazzjoni tal-Kunsill ta' Noto.

**485.11** **Aġġornament: Attivita' mill-Kunsill għat-tfal tal-Year 6**

Is-Sindku qal li fit-28 ta' Mejju ser issir attività' mat-tfal tal-iskola fl-okkażjoni tal-farewell. Is-Sindku qal li bħal kull sena, il-kunsill jgħin f'din l-okkażjoni iżda din is-sena ser tkun avveniment kulturali u ta' storja. Huwa qal li l-Kunsilliera Stephanie Vassallo qed tikkoordina flimkien mal-Viċi Sindku u ser ikun hemm l-għajnuna ta' membri mill-iscouts biex isir ukoll tisjir, anka minħabba ċertifikazzjoni ta' food handling. Huwa qal li din ser tingħaqad ukoll mal-proġett tal-Erasmus Mindcraft li ser tkun f'dik il-ġimgħa.

**485.12** **Ħruġ ta' quotation għal disinn ta' Pjazza Ħal Xluq**

Is-Sindku rrefera għall-kappella medjevali ta' Ħal Xluq bħala riżorsa storika u qal li m'għandhiex tiġi traskurata. Hu qal li dan l-aħħar sar xi manutenzjoni iżda fil-pjazzetta ta' quddiema hemm bżonn upgrade. Hu propona li għandhom jitlestew id-dokumentazzjoni u l-proġett on papar ħalli meta jkun hemm okkażjoni għal finanzjament ikollna kollox lest. Is-Sindku propona li minflok sejħa għal Quotes, tinħareġ sejħa għal diżinn bi premju b'forma ta' kompetizzjoni. Kien hemm qbil dwar dan u biex jibdew jiġi preparati l-ispecifications għas-sejħa.

**485.13** **Proġetti EU: Għeluq tal-Proġett Echogreen u Erasmus Mindcraft f'Mejju**

**485.13.1** Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-proġett Echogreen wasal għall-aħħar attivita' li ser issir is-Slovenia. Hija qalet li l-final reporting tal-ewwel erba' events ġew sottomessi u approvati diġa' u talbet lill-kunsilliera jinfurmawha min ser jattendi għall-event li jmiss ħalli tkun tista' tipproċedi. Għalissa kkonfermaw il-Kunsilliera Christopher Farrugia u Stephanie Vassallo.

**485.13.2** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mill-25 sat-30 ta' Mejju 2026 ser ikun haw il-grupp żgħażagħ għall-proġett Erasmus Mindcraft. Hija qalet li l-programm kważi finalizzat. Ser tkun qed tibgħat il-programm lil kulħadd u tħeġġeġ parteċipazzjoni. Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-UE għall-ammont ta' €31,870.

**485.14** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-awtorità tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**485.15** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**485.16** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**485.17** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

**485.17.1** Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**485.18** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**485.18.1** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li qed jirċievi diversi ilmenti rigward ir-rotot tat-trasport pubbliku. In-nies qed jistaqsu għalfejn il-karozzi m'għadhomx jgħaddu minn ħdejn iċ-ċimiterju. Is-Sindku wieġeb li l-aħħar komunikat kien li mhumiex jgħaddu minn Triq Nikola Bonello minħabba ħsara fit-triq.

**485.18.2** Il-Viċi Sindku staqsa re l-applikazzjoni mal-Lands rigward talba għall-art ħdejn il-ground. Huwa talab li ssir laqgħa biex naraw x'jonqos.

**485.18.3** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li r-road humps li twaħħlu riċentement fi Triq it-Tiġrija inqalgħu.

**485.19** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 11 ta' Mejju 2026

Il-Perit Julian Borg
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv